



Brussell, 27 ta' Frar 2023
(OR. en)

6454/23

LIMITE

JAI 231
COPEN 55
DROIPEN 30
ENFOPOL 86
CODEC 265

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0398(COD)**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' pjeni għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni - Rapport ta' progress

Kuntest

Fit-2 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Direttiva dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' pjeni għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni¹. L-għan tal-proposta huwa essenzjalment li tiġi żgurata applikazzjoni effettiva tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni bl-introduzzjoni ta' definizzjonijiet u sanzjonijiet komuni minimi b'rabta ma' reati kriminali. Il-proposta għandha titqies fil-kuntest tal-isforzi tal-Unjoni biex tiġġieled l-impunità fir-rigward tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

¹ 15653/22.

Attivitajiet tal-Presidenza Żvediża

Il-proposta ġiet eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali (COPEN) jew mill-Kunsilliera ĠAI matul ħamest ijiem ta' laqgħat: fit-13 ta' Diċembru 2022, fis-16 u s-17 ta' Jannar, fit-8 ta' Frar u fis-27 ta' Frar 2023. Il-grupp ta' ħidma kompetenti lesta l-ewwel eżami tat-test sħiħ tal-proposta fis-17 ta' Jannar 2023.

L-eżami wera li l-Istati Membri jappoġġaw bis-sħiħ l-għan tal-proposta u fil-bieċa l-kbira wkoll is-sustanza tad-dispożizzjonijiet previsti. Madankollu, għamluha ċara wkoll li xi aspetti tad-dispożizzjonijiet imsemmija jeħtieġ li jiġu eżaminati u żviluppati aktar. Il-Presidenza pproponiet ftit tentattivi ta' abbozzi mill-ġdid, li qed jiġu eżaminati fil-grupp ta' ħidma kompetenti².

Il-kwistjonijiet sostantivi ewlenin li qed jiġu diskussi jikkonċernaw id-definizzjonijiet u d-deskrizzjonijiet tar-reati rilevanti (l-Artikoli 2 u 3 fil-proposta). Il-formulazzjoni eżatta ta' dawn id-dispożizzjonijiet kienet is-suġġett ta' xi diskussjonijiet pjuttost tekniċi, li jinvolvu b'mod partikolari kif għandhom jirrelataw ma' kunċetti u dispożizzjonijiet sostantivi fl-istrumenti tal-Unjoni dwar miżuri restrittivi. Id-diskussjonijiet kienu jikkonċernaw ukoll, fost oħrajn, il-kwistjoni dwar jekk għandux ikun hemm obbligu li jiġu kriminalizzati atti mwettqa permezz ta' negliġenza serja. Il-Presidenza ser tkompli bl-isforzi tagħha biex tipproduċi test li jiżgura li dawn id-dispożizzjonijiet jipprovdu l-bażi għal kriminalizzazzjoni ċara u legalment soda tal-atti fil-mira tal-proposta.

Barra minn hekk, għadhom għaddejjin diskussjonijiet tekniċi dwar il-kontenut eżatt ta' ftit dispożizzjonijiet oħra. Dan jinkludi, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet għall-persuni ġuridiċi (l-Artikolu 7), l-iffriżar u l-konfiska (l-Artikolu 10), ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni (l-Artikolu 11) u l-informaturi (l-Artikolu 14).

It-triq 'il quddiem

Il-Presidenza hija fiduċjuża li soluzzjonijiet ta' kompromess għall-kwistjonijiet pendenti kollha, li d-delegazzjonijiet jistgħu jaqblu dwarhom, ser jinstabu f'futur relattivament qarib u li ser ikun possibbli li jiġi ppreżentat approċċ ġenerali għall-approvazzjoni mill-Istati Membri mhux aktar tard mil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (ĠAI) f'Ġunju.

² L-aktar test reċenti tal-Presidenza jinsab fid-dokument 6335/23.